**GHAJNSIELEM LOCAL COUNCIL**

# Ikompli jissahhah il-Gemellagg bejn Ghajnsielen u Tolfa

## Skambju Edukattiv b'Differenza bejn iz-zewg Skejjel Primarji

**Press Release 7th June 2007**

Ghal darb' ohra grupp ta' studenti mill-Iskola Primarja Anton Cassar t'Ghajnsielem kienu l-mistiedna specjali tas-Sindku ta' Tolfa, kif ukoll Membru Parlamentari Ewropej, l-Onorevoli Alessandro Battilocchio.

F'Ottubru li ghadda, waqt li s-Sindku Battilocchio kien Ghajnsielem, ghamel stiedina ufficjali lis-Sindku Francis Cauchi sabiex jittella' grupp ta' studenti mill-iskola primarja taghna gewwa Tolfa biex isir skambju edukattiv flimkien ma' l-iskola primarja ta' Tolfa. Din hi t-tieni darba li grupp ta' studenti mill-iskola taghna marru gewwa Tolfa biex isir dan l-iskambju. Il-grupp mill-iskola kien immexxi mill-Head, Miss Paulene Grech u l-ghalliema tal-Year 6, Mrs. Sylvana Agius. Kien hemm numru ta' studenti mill-Years 5 u 6, kif ukoll numru ta' genituri. Il-grupp kollu kien immexxi mis-Sindku Francis Cauchi li mieghu kellu jakkumpanjawh lill-Kunsullier Larry Buttigieg u rapprezentanti tal-kumitat tal-Gemellagg.

Dan l-iskambju kien specjali aktar minn drabi ohra peress li ghall-ewwel darba kellu jakkompanjah ukoll lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Malti l-Onor Louis Galea. Il-Ministru Galea laqgha bill-qalb l-istedina tas-Sindku Battilocchio, fejn permezz ta' din il-mawra kellu l-opportunita' jqatta' erbat'ijiem flimkien ma' l-istudenti taghna u jsir jafhom mill-qrib. Kienet verament esperjenza gdida u unika ghal Ministru Galea u Mrs. Galea li jattendu u jaqsmu din l-esperjenza flimkien mal-grupp taghna, kif ukoll ma dawk ta' l-iskola Primarja ta' Tolfa. Il-Ministru Galea kellu kummenti ferm pozittivi dwar dawn it-tipi ta' skambji u ferah lill-Kunsill t'Ghajnsielem u ta' Tolfa talli rnexxielhom jkomplu jkabbru u jifirxu dawn l-iskambji fuq temi vasti. Il-Ministru rringrazzja lis-Sindku Battilocchio ta' l-istedina u fahhar lis-Sindku Francis Cauchi ta' l-interess li qed jiehu fuq dan il-gemellagg b'mod partikolari fejn tidhol l-edukazjoni fejn ghat-tieni darba ta' l-opportunita lit-tfal t'Ghajnsielem jithalltu ma tfal ta' belt Taljana li minna kien hemm hafna x'jitghalmu. Il-Ministru ma setghax jonqos li jirringrazzja lill- Headteacher Miss Pauline Grech u l-ghalliema ghadd dedikezza li qeghdin jaghmlu lill-iskola li flimkien mal-genituri qed jaghmlu minn kollox biex ikomplu jgibu l-quddiem l-iskola Anton Cassar.

Il-programm kien jikkonsisti f'sitt ijiem gewwa Tolfa mill-31 ta' Mejju sal-5 ta' Gunju 2007.

**Il-Hamis 31 ta Mejju**
Il-grupp wasal Tolfa fejn fil-ghaxija kien mistieden ghal-laghqa ta' merhba fis-sala tal-Kunsill. Saru diskorsi ta' l-okkazzjoni mis-Sindku ta' Tolfa, mis-Sindku Francis Cauchi, mill-Headteachers taz-zewg skejjel u mill-Ministru Louis Galea.

**Il-Gimgha 1 ta' Gunju**
Kienet gurnata impenjattiva hafna ghat-tfal fejn fil-ghodu kmieni marru l-iskola ta' Tolfa u ghamlu tour ma l-iskola. Wara kellhom l-opportunita' li jithalltu mat-tfal Tolfetani gewwa l-klassijiet taghhom fejn raw is-sistema ta' taghlim taghhom. Wara t-tfal marru fil-playgrounds ta'l-iskola fejn qaghdu jilghabu u jithaltu aktar ma xulxin u jsiru jafu aktar lill-xulxin mill-qrib. Wara saret cerimonja sabiha ta'l-okkazzjoni fejn wara li ndaqqu l-innijiet ta'l-Italja, ta'l-Ewropa u dak ta' Malta. Saru diskorsi rigward dan l-iskambju kulturali edukattiv bejn iz-zewg skejjel. Ghal din l-okkazzjoni saru diskorsi miz-zewg Sindki, miz-zewg Headteachers, mil-Arcisqof ta' Civitavecchia l-E.T. Mons. Carlo Chenis, minn studenti taz-zewg skejjel, mill-Ministru Louis Galea u mid-delegata tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni Taljan Marina Fichelli. Wara c-cerimonja tqassmu rigali ta' tifkira u wara saret ikla ufficjali gewwa l-mensa ta' l-iskola.

**Is-Sibt 2 ta' Gunju**
Peress li din il-gurnata kienet il-Festa tar-Repubblika Taljana, filghodu saret cerimonja fejn is-Sindki u l-Ministru Galea poggew kuruni u fjuri fi hdan il-monument tal-gwerra. F'din ic-cerimonja hadet sehem il-Banda Giuseppe Verdi. Wara nofs in-nhar il-grupp kollu gie mehud f'range kbira fil-kampanja fejn it-tfal kellhom l-opportunita li jaghmlu horse riding u wara saret ikla kbira fl-apert fl-istess post. Filghaxija il-grupp kien mistieden biex jiekol mill-Ghaqda Unione Sportiva fejn anke hawnhekk qabel l-ikel, l-grupp kollu kellu l-opportunita li jilghab t-tennis, football u anke bocci.

**Il-Hadd 3 ta' Gunju**
Il-grupp gie mehud gurnata fil-belt kapitali Ruma fejn hemm kellna l-okkazzjoni li nattendu ghac-cerimonja tal-Beatifikazzjoni ta'Dun Gorg Preca mill-Papa Benedettu XV1 fejn dak inhar sar l-ewwel qaddis Malti. Ghalkemm kien nofs ta' nhar bix-xita kontinwa fil-Pjazza ta' San Pietru il-grupp kollu baqa jsegwi il-funzjoni kollha ghax din kienet verament okkazzjoni ta' darba. Wara c-cerimonja il-grupp ghamel tour fil-Bazilka ta' San Pietru fejn fost l-ohrajn kellna l-okkazzjoni li nitilghu fuq il-koppla maestuza, naghmlu tour mal-knisja kolla kif ukoll inzuru l-oqbra tal-Papiet fejn kellna l-okkazzjoni li nzuru wkoll l-qabar tal-Papa Gwanni Pawlu II.

**It-Tnejn 4 ta' Gunju**
Kienet gurnata libera fejn morna Civitavecchia il-port ta' Ruma fejn apparti li ghamilna tour ma din il-belt hekk sabiha, kellna hin biex nixtru affarijiet bhal hwejjeg u souveniers ghal-qrabat taghna. Filghaxija kellna ikla ta' tislima moghtija mill-Kunsill ta' Tolfa. F'din l-okkazzjoni kellna wkoll maghna lill-Arcipriet Dun Frankie Bajada li ha l-opportunita li jigi jsellem lis-Sindku, l-Kunsilliera u ohrajn wara li kien gie Ruma ghal Beatifikazzjoni ta'Dun Gorg Prega. Saru diskorsi qosra tal-mawra li saret gewwa Tolfa mis-Sindku Alessandro Battilocchio, mis Sindku Francis Cauchi u miz-zewg Headteachers ta'l-iskejjel ta' Tolfa u Ghajnsielem.

**It-Tlieta 5 ta' Gunju**
Tlaqna minn Tolfa ghall- Malta

--------------------